MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1135/2006

**Carmelo *sive* Charles Dimech u martu Carmen Dimech**

***Versus***

**Paul Falzon**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut irodd flus mislufa lilu minnhom b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Nicholas Vella fl-4 ta' Awissu 2004, bl-imgħaxijiet.
L-atturi fissru illi fuq il-kuntratt hawn fuq imsemmi huma kienu silfu lill-konvenut tlieta u erbgħin elf lira (Lm 43,000) – daqs mitt elf, sitt mija u tletin euro u ħames ċenteżmi (€100,630.05). Il-partijiet ftiehmu dwar kif kellu jintradd is-self u dwar l-imgħaxijiet, u ftiehmu wkoll illi, jekk il-konvenut jaqa' lura fil-ħlasijiet miftiehma, huwa jitlef minnufih il-benefiċċju tat-terminu. Il-konvenut ħallas biss imghax ta' mija u tmenin lira (Lm180) – daqs erba' mija u dsatax-il euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€419.29) –

fix-xahar sa Mejju 2005 u ma għamel ebda pagament ieħor. Għalhekk, igħidu l-atturi, il-konvenut b'seħħ mis-16 ta' Lulju 2005 tilef il-benefiċċju tat-terminu u għandu jrodd is-self kollu lill-atturi, bl-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) flimkien mal-imgħax fuq l-imgħax kif igħid l-art. 1142 tal-Kodici Civili.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi, ħlief għall-imgħax sa Mejju tal-2005, il-konvenut ma ħallas xejn aktar mid-dejn lejn l-atturi;
2. tgħid illi l-konvenut fis-16 ta' Lulju 2005 waqa' lura fil-ħlas u għalhekk dakinhar tilef il-benefiċċju tat-terminu u kellu minnufih irodd is-self u l-imgħaxijiet relativi, b'dan illi fuq il-kapital bdew igħaddu l-imgħaxijiet bir-rata ta` tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*);
3. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta mija u ħamsin lira (Lm150) – daqs tliet mija, disa' u erbgħin euro u wieħed u erbgħin centeżmu (€349.41) – imgħaxijiet li kellhom jitħallsu f'Ġunju u f'Lulju tal-2005;
4. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' erbgħa u tletin elf lira (Lm43,000) – daqs mitt elf, sitt mija u tletin euro u ħames ċenteżmi (€100,630.05) bħala kapital;
5. tillikwida dak li għandu jagħti l-konvenut lill-atturi bħala imgħax fuq il-kapital imsemmi fir-raba' talba mill-15 ta` Awissu 2005 sa dakinhar li nfetħet il-kawża;
6. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata bħala mgħax;
7. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) minn dakinhar li nfetħet il-kawża fuq is-somma kapitali ta' Lm 43,000 jew €100,630.05) sa meta jsir il-ħlas; u
8. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-imgħaxijiet komposti bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) fuq is-somma likwidata fil-ħames talba sa meta jsir il-ħlas kif igħid l-art. 1142 tal-Kodiċi Ċivili.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

Il-konvenut, għalkemm notifikat bl-atti, baqa' kontumaċi: ma weġibx fiż-żmien li tagħti l-liġi u ma deherx għas-smigħ tal-kawża, u lanqas għamel sottomissjonijiet bil-miktub għalkemm ingħata fakoltà jagħmel dan kif igħid u

jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

It-tielet patt tal-kuntratt ta’ self imsemmi fir-rikors maħluf igħid hekk:

Fl-eventwalità illi Paul Falzon [il-konvenut] ikun moruż fil-ħlas ta` somma ekwivalenti għal tliet mija u sittin lira Maltin (Lm 360) sal-ħmistax (15) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), jew fis-somma ta’ mija u ħamsin lira Maltin (Lm 150) mis-sittax (16) ta` Ġunju tas-sena elfejn u hamsa (2005) ’il quddiem, huwa jiddekadi immedjetament mill-benefiċċju tat-terminu lilu konċess b’dana l-att mingħajr il-ħtieġa li l-konjugi Dimech [l-atturi] b’xi mod ifakkruh li huwa hekk moruż, u s-somma li tkun għadha dovuta minnu sa dakinhar u l-interessi dekorsi jsiru pagabbli minnufih, b’dana illi fuq il-kapital rimanenti jibdew jghaddu l-interessi bir-rata ta’ tmiena fil-mija (8%) fis-sena.

Mix-xiehda fil-proċess jidher illi tassew illi l-konvenut issellef mingħand l-atturi l-kapital mitlub fir-rikors maħluf, illi waqa’ lura fil-ħlasijiet u li għalhekk għandu minnufih jrodd il-kapital u jħallas l-imgħax fuqu.  Ukoll, billi, meta nfetħet il-kawża, l-imgħax imsemmi fir-raba’ talba kellu jingħata għal żmien ta’ mhux inqas minn sena, dak l-imgħax ġie kapitalizzat bit-talba ġudizzjarja magħmula bir-rikors maħluf u għalhekk beda jgħaddi l-imgħax fuqu.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tilqa’ t-talbiet kollha magħmula mill-atturi:  tgħid illi l-konvenut tilef il-benefiċċju tat-terminu, tikkundannah iħallas il-kapital u l-imgħaxijiet kollha mitluba mill-atturi u tikkundannah ukoll iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------